MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 104/2003

**Zammit & Cachia Limited u b'nota tas-7 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Zammit & Cachia Trading Co Ltd assumiet l-atti**

**Vs**

**Nazzareno Azzopardi u martu Carmen Azzopardi u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2004 gie kjamat in kawza "Lawrence sive Laurie Azzopardi".**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett elef u tmienja u sittin Lira u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3068.28) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' merkanzija.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 18 ta’ Dicembru 2002 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 20 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

Fl-ewwel lok li l-konvenut Nazzareno Azzopardi m’huwiex debitur tas-socjeta’ attrici stante li l-merkanzija mertu tal-kawza odjerna giet fornuta lid-ditta Azzopardi Brothers u huwa gie totalment eskluz mill-funzjonament u amministrazzjoni ta’ din l-istess ditta;

Fit-tieni lok illi d-debitu reklamat mis-socjeta attrici li gie assunt minn Laurie Azzopardi, hu l-konvenut, li ha t-tmexxija tad-ditta Azzopardi Brothers totalment f’idejh;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, illi ghandu jigi kjamat fil-kawza Laurie Azzopardi bhala l-persuna li effettivament ghandha f’idejha l-kotba, il-flus u t-tmexxija tad-ditta Azzopardi Brothers;

Fir-raba lok illi t-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet Taghha (fol 23 ibid) u li bih gie kjamat in kawza Lawrence sive Laurie sive Lorry Azzopardi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi John Cachia (fol 40 et seq ibid) xehed, bhala direttur tas-socjeta’ attrici illi n-negozju in esami kien sar ma “Azzopardi Brothers”, fil-fehma tieghu, “trade name”.

Dwar l-istess negozju, it-trattattivi kienu jsiru bejn ix-xhud fuq naha wahda u Lawrence Azzopardi fuq l-ohra b'Nazzareno Azzopardi "Gieli … kien ikun presenti". Dwar pagamenti ghall-fornituri, dawn kienu jigu effettwati permezz ta' cheques iffirmati kemm mill-konvenut kemm mill-kjamat in kawza. In sostenn ta' dan, hu esebixxa fotokopja ta' "cheque" li jinsab esebit a fol 46 ibid mahrug favur is-socjeta' attrici b'import ta' Lm500 u datat it-8 ta' Jannar 2002 liema cheque gie ffirmat mill-ahwa Azzopardi. Jidher li, pero', li matul Settembru 2002, kienu nqalghu "problemi" bejn l-ahwa Azzopardi u f'dan il-perjodu kien hemm bilanc dovut ammontanti ghal Lm6136.55. Ghalhekk ix-xhud kien mar personalment sabiex jitkellem ma' Lawrence Azzopardi. Eventwalment kien intlahaq ftehim ma' dan fis-sens li Lawrence Azzopardi jhallas nofs (1/2) l-ammont dovut kif, filfatt, gara bi hlas ta' Lm500 fix-xahar (ara dan il-ftehim esebit in atti a fol 47). Ghalhekk ix-xhud ikkonferma illi Lawrence Azzopardi kien hallas l-ammont kollu skond l-imsemmi ftehim, b'kollox Lm3068.28. In rigward il-konvenut, Nazzareno Azzopardi kien gie mitlub minghandu l-hlas tan-nofs l-iehor anke permezz ta' ittri izda ma kien hemm ebda risposta anke ghal ittra ufficjali (ara fol 48 sa fol 50 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 54 u fol 79 et seq ibid) permezz ta' "affidavit" dettaljat, beda billi qal illi n-negozju bl-isem ta' Azzopardi Brothers" kien gestit minnu u minn huh Lawrence Azzopardi. Hu spjega illi kien hemm ftehim bejnu u huh fis-sens illi hu jithallas paga fissa fix-xahar waqt li l-qliegh kien jintuza ghall-istess negozju konsistenti f'xiri u bejgh ta' prodotti agrikoli f'Ta' Qali. In konnessjoni mal-istess negozju, hu u huh kienu nghataw facilita' bankarja ta' "overdraft" garantit bi proprjeta tal-istess huh "… li kien hu li jmexxi l-kontijiet ". Skond l-istess xhud, huh, Lawrence, kellu f'idejh, l-amministrazzjoni tan-negozju. Eventwalment kienet inqalghet tilwima li fiha kien involut it-tifel tax-xhud Dennis u dan fit-3 ta' Ottubru 2002 u minhabba din "hija talbni sabiex dak il-hin stess intih ic-cwievet … tal-kamra fejn kien isir in-negozju …"

kif, filfatt, gara u b'hekk, minn din id-data "jiena spiccajt il-barra minn negozju! Wara tentattiv sabiex it-tnejn jirrangaw "… l-affarijiet ta' bejnietna", jidher li kien hemm ukoll tentattiv sabiex l-ahwa jillikwidaw l-istess negozju billi jinqasam ukoll, il-qliegh, Lawrence Azzopardi kien irrifjuta li jaghtih sehmu mill-qliegh "u minflok ried biss li jiena nhallas nofs id-dejn", offerta rifjutata mix-xhud. Ghalhekk ix-xhud jsostni li wara Ottubru tas-sena' 2002 "… ma xtrajt l-ebda merkanzija minn ghandu …" is-socjeta' attrici "… u dan billi ma' ghamilx aktar negozju maghhom …" (ara ukoll l-"<u>affidavit</u>" sottomess minn <u>Dennis Azzopardi</u>, bin il-konvenut a fol 70 et seq ibid u l-<u>kontroesami</u> ta' dan a fol 83 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi jidher car u evidenti illi kemm il-konvenut kemm huh Lawrence kienu <u>jiggestixxu, flimkien</u>, in-negozju in kwistjoni u, b'hekk, it-tnejn ghandhom jigu ritenuti bhala <u>kondebituri</u> obbligati "in solidum" bejniethom u dan a bazi tal-presunzjoni "juris tantum" imsemmija fl-artikolu 115 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-istess John Cachia xehed illi "matul Settembru 2002, inqalghet il-"problema" bejn Nazzareno u Lawrence Azzopardi "u <u>f'dan il-perjodu</u> kien hemm bilanc dovut ammontanti ghal Lm6136.55". Dwar dan il-punt, il-konvenut , fix-xhieda tieghu, jidher li allega illi l-ammont mitlub fl-avviz seta' kien dovut in konnessjoni ma' ordnijiet li saru minn Lawrence Azzopardi, wahdu, wara li inqalghet il-"problema" imsemmija matul Ottubru 2002. Pero' fil-fehma tal-Qorti, kif bazata fuq il-provi prodotti, tali allegazzjoni ma gietx pruvata fuq bazi ta' probabilita, da parti tal-konvenut.

Illi, dan premess, jidher li l-konvenut, <u>ghal ragunijiet li jinvolvu r-relazzjonijiet interni bejnu u l-istess huh u mhux terzi persuni</u>, kien irrifjuta li jasal f'xi forma ta' arrangament mas-socjeta' attrici kontrarjament ghal dak li kien ghamel Lawrence Azzopardi, li spicca biex wara ftehim mas-socjeta' attrici kien hallas sehmu mis-somma kollha dovuta ammontanti ghal Lm6136.55.

A bazi ta’ dan, jidher ghalhekk li l-konvenut kien u ghadu responsabbli ghal hlas tal-ammont pretiz fl-avviz ossija nofs (1/2) is-somma totali hawn fuq indikata.

Illi hu minnu li b’digriet moghti fit-12 ta’ Ottubru 2004 il-Qorti kienet ordnat li jigi kjamat in kawza l-istess Lawrence Azzopardi. Pero’ din it-talba, maghmula fl-eccezzojijiet sottomessi mill-konvenut a fol 20 ibid, kienet giet akkolta qabel ma l-Qorti semghet il-provi kif prodotti. Difatti minn dawn il-provi jirrisulta li Lawrence Azzopardi, wahdu ma hux debitur tas-socjeta’ attrici, kif di gja gie premess u dan a bazi tal-ftehim li sar bejnu u s-socjeta attrici u l-pagament li gie effettwat minnu ghas-saldu ta’ dak dovut minnu. Jigi rilevat illi kif jidher a fol 35 sa fol 39 tal-atti illi kien jidher li l-kjamat in kawza u martu kienu gew notifikati bl-avviz in esami. Pero jidher ukoll illi sussegwentment, l-atti notifikati lil dawn kienu gew ritornati lill-Pustier ghax “.. contents not belonging to addressee”. Dwar dan jidher li dan il-punt hu irrilevanti ghall-kaz in desamina stante li minhabba dak premess, Lawrence Azzopardi ma ghandux jkollu, ghar-ragjuni premessa “locus standi” f’dan il-kaz.

Illi sar accenn da parti tal-konvenut illi f’dan l-kaz seta’ kien hemm involuta “novazzjoni” a bazi tal-artikoli 1179 sa 1189 tal-Kodici Civili presumibilment minhabba l-artikolu 1188 fejn jinghad “In-novazzjoni bejn il-kreditur u wiehed mid-debituri “in solidum” tehles lill-kondebituri l-ohra, bla hsara tal-jedd tad-debitur li jkun intrabat bl-obbligazzjoni l-gdida li jdur kontra l-kondebituri ghal sehemhom tad-dejn il-qadim li huwa jkun hallas”. Pero’ in rigward dan il-punt sollevat b’referenza ghall-ftehim imsemmi esebit a fol 47, il-Qorti ma tarax li din l-iskrittura tista’ b’xi mod tikkwalifika bhala novazzjoni. Difatti permezz taghha, l-konjugi Lawrence u Rita Azzopardi, semplicement, iddikjaraw lilhom infushom bhala “certi u likwidi debituri” tas-socjeta’ attrici fis-somma hemm specifikata. Dan certament ma jistax jigi konsiderat bhala kaz ta’ “…debitur (li) jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid u dan jigi mqieghed flok il-qadim illi jispicca” (ara l-artikolu 1179(a) ibid).

Difatti l-istess skrittura tista' tammonta biss, ghal dikjarazzjoni, da parti tal-istess konjugi Azzopardi, illi huma debituri fis-somma hemm specifikata u ammontanti ghal nofs (1/2) id-debitu qadim u bl-ebda mod ma tista' tigi kunsiderata bhala kreazzjoni ta' "dejn gdid" kif trid il-ligi appikabbli, ukoll lill-konvenuti. Konsegwegentement l-iskrittura ma tistax jkollha l-effetti prospettati fl-artikolu 1189 hawn fuq citat.

Ikkunsidrat

Illi dan premess, l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma insostenibbli u a bazi tal-provi prodotti, it-talba attrici ghandha tigi akkolta fil-konfront tal-konvenuti, wahedhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-Lawrence Azzopardi mill-osservanza tal-gudizzju tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti wahedhom, sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3068.28 ossija €7147.17 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 2002 ossija mit-3 ta' Jannar 2003 (ara fol 51 ibid) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-istess ittra ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------